# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru 2022**

**Rikors numru: 136/2014 BS**

**Fl-atti ta' l-Ittra Uffiċjali numru 136/2014 ppreżentata fil-21 ta' Marzu 2014 fl-ismijiet:**

**Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u b'digriet tas-27 ta' April 2016 l-isem ġie mibdul għal Awtorita' tal-Ippjanar**

**-vs-**

**Emanuel Galea u;**
**b'digriet tas-27 ta' Awwissu 2015 il-ġudizzju ġie trasfuż għal fuq Maria Galea minflok Emanuel Galea**
**li miet fil-mori tal-kawża, u;**
**b'digriet tal-10 ta' Jannar 2017 il-ġudizzju ġie trasfuż għal fuq Georgeann mart Mark Meilak, Kevin Galea, Dr. Ruth**

**Galea, Tracy mart Jean Paul Mizzi, u Michael Galea minflok Maria Galea li mietet fil-mori tal-kawza.**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat r-Rikors ta' Emanuel Galea[1] illi ppremetta:**

Illi huwa gie notifikat b'ittra a tenur ta' l-Artikolu 90(5) u (6) tal-Kap 504 tal-Ligijiet ta' Malta li permezz taghha l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar qed titlob hlas minghand l-esponenti fl-ammont ta' elfejn u ghaxar Euro u tmienja u hamsin centezmu (€2,010.58);

Illi l-esponenti qieghed permezz tal-prezenti rikors jopponi tali talba u qieghed prezenzjalment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara tali talba bhala wahda infondata.

Bl-ispejjes.

**Rat ir-Risposta tal-Awtorita' intimata[2] li permezz tagħha eċċepiet:**

Illi r-rikors ta' Emanuel Galea ghandu jigi michud, billi:

1) Ir-rikorrent ma ta assolutament l-ebda raguni jew spjegazzjoni sabiex jissostanzja l-oppozizzjoni tieghu

[1] Fol 1.
[2] Fol 10.

ghat-talba ghall-hlas tal-Awtorita' kif kontenuta fl-ittra ufficjali tal-21 ta' Marzu 2014. Ir-rikorrent sempliciment oppona ghat-talba kif dedotta fl-imsemmija ittra ufficjali fuq il-pretest, bla bazi, li tali talba hija "*infondata*"; oggezzjoni vaga bhal din ma tistax, u m'ghandiex, titqies bhala bazi sufficienti fuq x'hiex wiehed jista' jikkontesta t-talba tal-Awtorita' skond il-procedura kontemplata fl-Artikolu 90(7) tal-Kap. 504.

2) In *ogni* kaz, u minghajr hsara ghall-premess, m'huwiex assolutament minnu illi t-talba ghall-hlas tal-Awtorita' kif kontenuta fl-imsemmija ittra ufficcjali hija nfondata.

3) Ili peress li r-rikors hu karenti ghal kollox mir-ragunijiet li dwarhom Emanuel Galea qed isejjes l-oggezzjoni tieghu, u ghalhekk l-Awtorita' ma setghetx tressaq risposta aktar dettaljata, l-Awtorita' tirriserva li tressaq risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz, dejjem bil-permess ta' din il-Qorti.

Illi ghar-ragunijiet premessi, it-talba tar-rikorrent sabiex il-Qorti tiddikjara t-talba tal-Awtorita' intimata bhala wahda infondata ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

**Fliet l-atti.**

**Rat** il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Ottubru, 2015 fejn l-avukat difensur ta' l-intimat iddikjara li l-opposizzjoni għat-talba għal-ħlas tal-Awtorita' attriċi saret abbazi tal-fatt li l-intimat

m'huwiex sid l-art li allegatament kienet qiegħda tiġi ġestita bħala scrapyard.[3]

**Rat** id-diversi ritratti eżebiti minn Mark Cini, in rappreżentanza tal-Awtorita' attriċi, fl-udjenza tal-14 ta' Marzu, 2017.[4]

**Rat** li fl-udjenza tal-4 ta' Marzu, 2022 l-intimat iddikjara l-istadju tal-provi tiegħu magħluq.

**Rat** li fl-udjenza tat-13 ta' Mejju, 2022, l-Awtorita' attriċi ddikjarat l-istadju tal-provi tagħha magħluq.

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Semghat it-trattazzjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet.**

**Rat** li l-kawża ġiet mħollija għal-lum għas-sentenza.

**B. Provi:**

**Semghat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Brian Borg**, Uffiċjal tal-Infurzar ma' l-Awtorita' attriċi, xehed[5] illi huwa kien involut fl-azzjoni diretta kontra l-intimat Emanuel Galea.

Jgħid li rriżultalhom li s-sit u l-oġġetti mneħħija minn fuqu kienu tal-intimat mill-Avviżi ta' Twettiq numri 115/09 u 116/09.

[3] Verbal a fol 23.
[4] Ritratti a fol 36 sa 42.
[5] Fol 74 sa 75.

Iżid li huma jimxu mal-Avviżi kif ikunu nħarġu minn uffiċjal responsabbli mid-distrett.

**In kontro-eżami**,[6] xehed illi huwa jkun involut biss fil-parti ta' infurżar tal-Avviz, ossia, fl-aħħar nett. Iżid li ma' jkunx involut fil-verfiċi rigward min huwa sid is-sit u l-materjal ta' fuqu.

**Jonathan Attard,** Uffiċjal tal-Infurzar ma' l-Awtorita' attriċi, xehed[7] illi huwa kien l-uffiċjal tal-Awtorita' li ħareġ l-Avviżi ta' Twettiq kontra l-intimat Emanuel Galea.

Jgħid li sabiex wasal għall-intimat Emanuel Galea huwa mar jara s-siti fi Triq tal-Mangu, ix-Xagħra, Għawdex u dan nhar it-8 ta' Jannar, 2009. Jgħid li dakinhar ra' il-materjal (vetturi mitluqa u simili) iżda ma' kien hemm ħadd fuq is-siti. Iżid li għalhekk waħħal avviż ma' waħda mill-vetturi mitluqa.

Jirreferi għal rapporti fil-file tiegħu u jghid li minn dawn jirriżulta li wara li waħħal l-avviż fuq vettura fuq sit, kien b'xi mod ikkomunika magħhom l-intimat Emanuel Galea. Jgħid li mbagħad inħarġu l-Avviżi fuqu.

Iżid li huma kienu anke tkellmu mal-intimat Emanuel Galea fuq is-sit stess. Jgħid li tkellmu miegħu rigward żewġ siti.

Jippreżenta kopja ta' *enforcement declaration form and report*. Jispjega li fuq dawn id-dokumenti hemm deskritt il-proċess qabel inħarġu l-Avviżi ta' Twettiq. Jispjega li hemm id-data meta saret l-ispezzjoni, l-indirizzi tas-siti, u l-ksur ripurtat. Iżid li isem l-intimat Emanuel Galea bħala s-sid huwa mniżżel bħala verifikat *on site* fit-8 ta' Jannar, 2009.

Jgħid li huma ma' jirriċerkawx aktar ladarba jkun hemm persuna li tiddikjara li l-post huwa tagħha. Iżid illi kieku l-intimat qallu li hemm mhux tiegħu kien isaqsih ta' min hu. Iżid

[6] Fol 75 sa 77.
[7] Fol 78 sa 90.

li kieku qallu li hemm mhux tiegħu imma anqas qallu ta' minn hu xorta kien joħroġ l-Avviż kontrih bħala sid il-vettura abbandunata u kien joħroġ Avviż ieħor kontra *"owner unknown"* b'referenza għas-sit.

Iżid li l-file jibqa' għandu sakemm joħroġ l-Avviż ta' Twettiq u jiġi notifikat billi tiġi ritornata lilu l-*pink card* tal-posta. Jgħid li mbagħad dan imur f'sezzjoni oħra tal-Awtorita'. Iżid li għalhekk ma' jafx jekk mid-data li nħarġu l-Avviżi sad-data meta seħħet l-azzjoni diretta tneħħewx xi oġġetti mis-siti.

Jgħid li mill-informazzjoni li għandu quddiemu, l-intimat la naddaf is-sit, la appella l-Avviż u anqas applika għal xi permess fis-16 il jum li tagħtih il-liġi sabiex jagħmel dan wara li jkun notifikat b'Avviż.

Jispjega li ħarġu żewġ Avviżi fuq żewġ siti, it-tnejn fi Triq tal-Mangu, ix-Xagħra, Għawdex. Jippreżenta kopja tal-Avvizi bin-numri 115/09 u 116/09 u dokumenti relatati nkluż pjanti li juru ż-żewġ siti u ritratti ta' x'sabu fihom.[8]

**Charles Debattista**, Uffiċjal tal-Infurzar ma' l-Awtorita' attriċi, xehed[9] illi huwa kien nkarigat mill-azzjoni diretta. Jgħid li f'dan il-każ kienet titratta vetturi mitluqa ġo għalqa li jammontaw għal *scrap*.

Jgħid li l-intimat mhux talli ma' ottemperax ruħu maż-żewġ Avviżi li nħarġu fil-konfront tiegħu talli żid l-iskart fuq is-siti.

Jgħid li għalhekk kien hemm ksur tal-Avviżi.

Jispjega li l-Avviżi jiġu notifikati lil min jinħarġu b'*site plan* anness magħhom li tidentifika s-sit in kwistjoni. Iżid li l-Avviżi stess jagħtu 16-il jum sabiex persuna li tirċivihom tkun tista

---

[8] *Enforcement declaration form and report* (115/09), a fol 91, Avviz 115/09 a fol 92, pjanta a fol 93, *pink card* tal-posta a fol 94, ritratt a fol 95. *Enforcement declaration form and report* (116/09), a fol 96, Avviz 116/09 a fol 97, ritratti a fol 98 sa 99, *pink card* tal-posta a fol 100, pjanta a fol 101.
[9] Xhieda moghtija fl-udjenza tat-13 ta' Mejju, 2022.

tappella minnhom inkluż sabiex tgħid li s-sit hemm identifikat mhux tagħha. Jgħid li f'dan il-każ ma' sar xejn minn dan.

Jispjega li wara li jkun mar uffiċjal fiq is-sit, jinħareġ Avviż. Iżid li l-Avviż jagħti s-16 il jum sabiex jew jitnaddaf is-sit, jew issir kontestazzjoni tal-Avviż. Jgħid li wara li jgħaddu dawn is-16 il jum, jerġgħu jispezzjonaw sabiex jaraw tnaddafx is-sit. Iżid li jekk dan ma' jkunx il-każ huma jistgħu immedjatament jibdew il-proċess tal-infurzar dirett.

Iżid iżda li anke wara li jkunu għaddew is-16 il jum li l-liġi tagħti lis-sid u l-okkupant sabiex inaddfu s-sit, qabel jgħaddu għall-azzjoni diretta huma jikkomunikaw mall-istess (bit-telefon) u jinfurmawh li hemm l-intenzjoni li ssir azzjoni diretta sabiex dan ikollu opportunita' oħra jnaddaf is-sit. Jgħid li din hija kortesija li jagħmlu huma u mhux obbligu tagħhom li joħroġ mil-liġi.

Jgħid li f'dan il-każ, wara s-16 il jum, l-oġġetti skartati kienu żdiedu mhux naqqsu.

Jirreferi għad-dokumenti in atti *enforcement declaration form and report* u jiċċara li dawn jidentifkaw lill-intimat Emanuel Galea bħala kemm sid kif ukoll okkupant tal-istess siti.

Jgħid li wara li tkun saret it-telefonata ta' kortesija, tiġi deċiża ġurnata sabiex issir l-azzjoni diretta.

Jgħid li għalhekk waslu fuq is-sit, fejn kien hemm anke l-intimat li kkonfermalu li l-oġġetti kienu tiegħu. Iżid li l-intimat irrikonoxxa li rċieva telefonata wara li rċieva l-Avviżi. Jgħid li mbagħad spjegalu li ladarba kienu hemm kellhom ikomplu bl-azzjoni diretta. Iżid li tawh anke l-opportunita' jieħu xi oġġetti li rid li ma' jintremewx.

Jgħaraf l-oggetti li jidhru fir-ritratti in atti bħala wħud li tneħħew waqt l-azzjoni diretta. Iżid li kien hemm aktar oġġetti

li tneħħew stante li r-ritratti ttieħdu fi stadju bikri tal-investigazzjoni mentri wara dakinhar żdiedu l-oġġetti.

Jgħid li l-ewwel ritratti ttieħdu f'Jannar, 2009 meta bdiet l-investigazzjoni. Jgħid li l-azzjoni diretta seħħet f'April, 2009 meta kienu ġew spustjati xi affarijiet, tneħħew oħrajn, u żdiedu oħrajn. Jgħid li dakinhar tal-azzjoni diretta neħħew l-oġġetti li kien hemm dakinhar.

Jippreżenta kopja tal-fatturi li fuqhom hija msejsa t-talba għal-ħlas tal-Awtorita'. Jispjega kif inħadmu l-konteġġi sabiex saret it-talba għal-ħlas mill-intimat. Jispjega s-siegħat ta' xogħol tal-uffiċjali tiegħu, tal-kuntratturi, kif ukoll tal-pulizija, u l-kontijiet relattivi għall-użu tal-makkinarju.

Iżid li anke f'każ li jirriżulta li l-intimat mhuwiex sid is-sit li ġie mnaddaf, bħala sid l-oġġetti li tneħħew huwa xorta hu responsabbli għall-ispejjeż. Jgħid ukoll li f'dan il-każ, l-intimat Emanuel Galea stess qallu li dawk l-oġġetti kienu tiegħu.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

Illi b'din l-istanza l-intimat qiegħed jopponi t-talba għall-ħlas avvanzata mill-Awtorita' attriċi kontra tiegħu wara xogħol ta' ġbir ta' materjal u skart u tindif ta' żewġ siti fi Triq tal-Mangu, ix-Xagħra, Għawdex, billi jgħid li huwa m'huwiex is-sid tas-siti minfejn tneħħa l-istess materjal u skart.

L-Awtorita attriċi tilqa' għal dan billi tiddefendi l-ħruġ tat-talba għal-ħlas tagħha billi tgħid li din inħarġet kontra l-intimat wara li saru d-debiti aċċertamenti tagħha rigward il-proprjetarju tas-siti in kwistjoni u l-materjal u skart li nsab fuqhom.

### Ikkunsidrat Ulterjorment:

In suċċinct, il-kwistjoni nbdiet fit-8 ta' Jannar, 2009 meta saret l-ewwel spezzjoni tal-Awtorita' attriċi minn fejn irriżulta li kien hemm diversi oġġetti konsistenti f'vetturi u oġġetti relatati mitluqa u abbandunati f'żewġ siti fi Triq tal-Mangu, ix-Xagħra, Għawdex (ref. formuli u rapporti a fol 91 u 96).

Irriżulta kjarament, u dan mix-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Infurzar tal-Awtorita' attriċi Jonathan Attard, li wara dan, l-intimat Emanuel Galea identifika ruħu bħala sid l-oġġetti mitluqa fuq is-siti in kwistjoni. Għalhekk, fit-28 ta' Jannar, 2009 inħarġu żewġ Avviżi ta' Twettiq bin-numri 115/09 u 116/09 (ref. fol 92 u 97).

Ma' dawn iż-żewġ Avviżi ġew annessi żewġ pjanti li identifikaw is-siti għal liema kienu qed jirreferu l-Avviżi (ref. fol 93 u 101).

L-Avviżi bil-pjanti annessi magħhom ġew notifikati lill-intimat ftit jiem wara, kif jirriżulta mil-kopji tal-Avviż ta' Riċevuta (*pink card)* tas-servizz postali in atti (ref. fol 94 u 100).

Ċiononostante, l-intimat la naddaf is-siti, la appella l-Avviżi, u anqas applika mal-Awtorita' attriċi għas-sanzjonar ta' xi materja milquta bl-Avviżi ta' Twettiq. Dan kif kkonfermat miż-żewġ xhieda rappreżentanti tal-Awtorita' attriċi Jonathan Attard u Charles Debattista.

Ix-xhud Charles Debattista saħansitra spjega kif anke wara li ntbagħtu u ġew notifikati l-Avviżi ta' Twettiq, u wara li skada t-terminu ta' 16-il jum mogħti fihom sabiex l-intimat jirrimedja s-sitwazzjoni (fejn allura l-Awtorita' setgħet għaddiet immedjatament għall-azzjoni diretta), l-Awtorita' għamlet telefonata ta' kortesija lill-intimat qabel għaddiet bl-infurzar dirett kif kellha dritt tagħmel. Dan sabiex tagħti lill-intimat opportunita' aħħarija jirrimedja s-sitwazzjoni. L-intimat iżda, xorta baqa' inadempjenti tant li fit-28 ta' April, 2009 (3 xhur wara li nħarġu l-Avviżi ta' Twettiq) meta l-Awtorita' marret fuq is-sit bir-rappreżentanti tagħha sabiex twettaq l-azzjoni diretta,

hija pprećediet sabiex azzjonat l-azzjoni diretta stante li kien għad hemm oġġetti mitluqa x'jitneħħew.

Huwa għalhekk ċar li l-intimat naqas milli jiskansa l-ispejjeż li qegħdin issa jiġu mitluba mingħandu mill-Awtorita' attriċi billi m'ottemperax ruħu ma' ebda opportunita' li tgħatu l-Awtorita'.

L-intimat jittenta jgħid li s-sit fejn kienu jinsabu l-oġġetti mhux proprjeta' tiegħu. L-eredi tiegħu, uliedu li l-atti ġew trasfużi f'isimhom, isostnu l-istess argument fl-osservazzjonijiet finali tagħhom.

Il-Qorti tosserva iżda li l-intimati naqqsu milli jressqu prova aċċettabli rigward dan.

Tosserva ulterjorment li kif tajjeb xehedu r-rappreżentanti tal-Awtorita' attriċi, apparti li jirriżulta li l-intimat Emanuel Galea identifika' ruħu magħhom bħala s-sid, anke kieku kellu jiġi ppruvat li s-siti minn fejn tneħħew l-oġġetti ma' kienux ta' l-intimat, huwa ammetta li l-oġġetti hemm rilevati kienu tiegħu. Dan apparti li fix-xhur li għaddew minn meta ġie validament notifikat bl-Avviżi ta' Twettiq sa' meta seħħet l-azzjoni diretta bl-ebda mod ma' ikkontesta r-responsabbilita' tiegħu.

Dan ġie kkonfermat kemm mix-xhud Jonathan Attard kif ukoll mix-xhud Charles Debattista li addirittura spjega kif dakinhar li wasslu fuq il-post sabiex iwettqu l-azzjoni diretta, huwa staqsa lill-intimat x'kien li ħalla kollox kif kien meta kienu anke ċemplulu wara li ġie notifikat bl-Avviżi iżda qabel telgħu għall-azzjoni diretta. Ix-xhud iżid li hawnhekk l-intimat għal darb'oħra kkonferma li l-oġġetti kienu tiegħu tant li anke talab li jwarrab dawk minnhom li kienu ta' valur għalih.

Iż-żewġ xhieda rappreżentanti tal-Awtorita' ikkonfermaw ukoll li Avviż ta' Twettiq jinħareġ kemm fuq is-sid kif ukoll l-okkupant ta' sit fejn jiġi riskontrat ksur u dawn it-tnejn ikunu responsabbli għall-istess.

Dan huwa in linja mal-provizzjonijiet tal-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta li jridu illi jekk l-Awtorita' jidhrilha li l-ġmiel jew siwi ta' xi zona li tkun ġnien, sit vojt jew art oħra fil-beraħ huwa b'xi mod mittiefes bid-dehra jew kondizzjoni ta' xi bini jew xi attivitajiet oħra, hija għandha toħroġ avviż fuq is-sid tal-art jew fuq l-okkupant tal-art jew fuqhom it-tnejn skont fuq min jidhrilha l-aktar espedjenti.[10]

Apparti dan, iż-żewġ xhieda msemmija jikkonfermaw li f'dan il-każ l-intimat Emanuel Galea assuma r-responsabbilita' meta aċċetta u kkonferma li l-oġġetti mitluqa kienu tiegħu.

Fuq il-valur tat-talba magħmulha mill-Awtorita' attriċi kontra l-intimat, din tirriżulta ppruvata b'mod konvinċenti bid-dokumenti (fatturi) ippreżentati mix-xhud Charles Debattista waqt it-testimonjanza tiegħu tat-13 ta' Mejju, 2022.

Dawn id-dokumenti, li verzjoni sintesizzata tagħhom ġiet annessa mall-ittra uffiċjali mibgħuta mill-Awtorita' lill-intimat ai termini tal-Artikolu 90 tal-Kap 504 (ref. ittra uffiċjali numru 136/2014 a fol 2 sa 3 b'dokumenti (fatturi) a fol 4 sa 5), juru b'mod ċar u inekwivoku kif l-Awtorita' ħadmet il-valur tat-talba tagħha. Dan billi l-istess juru s-siegħat li l-uffiċjali tal-Awtorita', il-pulizija, u kuntratturi nkarigati mill-Awtorita' ħadmu fuq is-siti in kwistjoni kif ukoll il-mod kif spejjeż relatati ġew apporzjonati bejn diversi azzjonijiet diretti li seħħew fl-istess jum ta' dak relattivi għall-intimat sabiex l-Awtorita' waslet għat-talba tagħha kontra l-intimat.

Dawn id-dokumenti ma' ġewx ikkontestati mill-intimat jew l-aventi kawża tiegħu.

Huwa għalhekk ċar u ppruvat a sodisfazzjon ta' din il-Qorti li l-valuri mitluba mill-Awtorita' attriċi mingħand l-intimat Emanuel Galea huma mitluba validament ai termini tal-Artikolu 90 tal-Kap. 504 tal-Liġijiet ta' Malta.

[10] Ref, *inter alia,* Aritkoli 86(2) u 88(1), Kap. 504.

**Deċide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi u l-motivi ġia espressi, din il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi tiċħad ir-rikors ta' Emanuel Galea (kif legittimat f'isem uliedu l-intimati l-oħrajn apparti Maria Galea) sabiex it-talba tal-Awtorita' attriċi tiġi ddikjarata bħala nfondata u tiddikjara t-talba tal-Awtorita' tal-Ippjanar għall-ħlas tal-valur ta' elfejn u għaxar Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€ 2,010.58) bħala fondata.

Tordna għalhekk lill-intimati Georgeann mart Mark Meilak, Kevin Galea, Dr. Ruth Galea, Tracy mart Jean Paul Mizzi, u Michael Galea, ilkoll eredi ta' Emanuel Galea, jagħmlu in solidum l-ħlas ta' elfejn u għaxar Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€ 2,010.58) lill-Awtorita' tal-Ippjanar.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom ikunu in solidum a karigu tal-intimati Georgeann mart Mark Meilak, Kevin Galea, Dr. Ruth Galea, Tracy mart Jean Paul Mizzi, u Michael Galea.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur